# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMĦALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 9 ta' Novembru 2017**

**App. Nru. 399/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
***… omissis 1 …***
***… omissis 2 …***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi *omissis* u oħrajn, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn is-6 u t-8 ta' Awwissu 2011, mill-ħanut magħruf bħala Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. fi Triq Nofsinhar, Valletta:

(1) ikkommettew serq ta' kwantita` ta' ġjollerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Alfred Borg, tas-soċjeta` Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;

(2) volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) imma iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), liema ħsara saret għad-dannu ta' Alfred Borg, tas-soċjeta` Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;

Fil-lejl ta' bejn is-7 u it-8 ta' Settembru 2011 ġewwa l- ħanut Capri Café, Triq San Zakkarija, kantuniera ma Triq Nofsinhar, Valletta:

(3) bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq ġewwa l-ħanut magħruf bħala Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. fi Triq Nofsinhar, Valletta liema stabiliment huwa kontigwu mal-ħanut Capri Café', urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l- elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' Alfred Borg, tas-soċjeta` Pjazza Antiques Ltd. u/jew Pjazza Traders Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;

Fl-24 ta' Ottubru 2011 u/jew qabel u/jew wara din id-data, fi Triq ir-Repubblika, Valletta:

(4) bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq mill-Automated Teller Machines tal-HSBC Bank (malta) plc., installati mal-faċċata tal-Wembley Stores, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun reat ta' serq aggravat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l- elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin għad-dannu ta' l-istess bank u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita` u/jew entitajiet oħra.

Lil *omissis*, waħdu, talli fl-istess dati, ħinijiet u ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, f'dawn il-Gżejjer:

(6) kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta` provvisorja mposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-12 ta' Jannar 2009, cioe` li ma jikkomettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, dan taħt garanzija personali ta' €50,000, fost kondizzjonijiet oħra mposti fuqu mill-istess Qorti;

(7) irrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'għadd ta' sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Lulju 2012 fejn dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi *omissis,* wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(b)((ċ)(f), 262(1)(b), 263(a), 264(1), 267, 270, 276, 279(b), 280(2), 325(1)(b) u 579 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannatu għal piena ta' tliet snin priġunerija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xhieda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jgħid:

> "Illi fiċ-ċirkostanzi l-piena kienet waħda eċċessiva. Dan il-każ si tratta ta' individwu li jinsab f'ċirkostanzi patetiċi. Jirriżulta li l-appellant hija persuna li preżenzjalment huwa kostrett li jieħu ħsieb u jmantni żewġt itfal minuri.
>
> "Illi ġara li mart l-appellant sfat tbati mill-marda qerrieda tal-*cancer,* u kien hemm żmien fejn din kellha bżonn diversi trattamenti u mediċina liema kellu jagħmel tajjeb għalihom l-appellant.
>
> "Illi l-appellant spiċċa f'sitwazzjoni fejn kellu bżonn il-flus. Huwa pprova jsib impjieg iżda bil-fedina penali tiegħu, din kienet xi ħaġa impossibbli għall-appellant.
>
> "Illi madwar sena ilu mart l-appellant ġiet nieqsa u ħallietu b'żewġt itfal żgħar kif spjegat.
>
> "Illi għalhekk huwa ra li kien f'sitwazzjoni fejn ried bilfors jagħmel xi ħaġa sabiex imantni lil dawn it-tfal.
>
> "Illi apparti dan, l-appellant ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.
>
> "Illi meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva, huwa kkoopera pjenament."

**6.** Mill-atti jirriżulta illi l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu fl-ewwel seduta miżmuma mill-ewwel Qorti. L-ammissjoni tiegħu kienet inkondizzjonata. Huwa ppersista fl-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien biex jerġa' jaħseb dwar tali ammissjoni. Issa, fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull

deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Huwa l-każ li jiġi sottolineat ukoll li skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**7.** Mhuwiex kontestat illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-liġi. Ta' min jgħid illi l-piena dwar l-ewwel imputazzjoni (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel) hi ta' priġunerija minn minimu ta' tmintax-il xahar sa massimu ta' tnax-il sena. Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kodiċi Kriminali mbagħad għandha tiżdied il-piena dwar it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, b'mod illi proprju lanqas piena li seta' jinkorri l-appellant, mingħajr ma titqies l-imputazzjoni ta' reċidiva, kien ta' 25 xahar u għaxart ijiem u l-massimu sittax-il sena. Huwa għalhekk evidenti illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi ferm lejn il-minimu u dan, jiġi ribadit, mingħajr applikazzjoni ta' l-artikoli dwar ir-reċidiva.

**8.** Mis-sentenza appellata jidher ċar illi l-ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' l-ammissjoni ta' l-appellant u anke tal-fatt li kkoopera mal-Pulizija.

**9.** Din il-Qorti ħadet nota tas-sottomissjonijiet tad-difiża dwar iċ-ċirkostanzi sfortunati li l-appellant sab ruħu fihom. Tali ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu xi skużanti, u wisq anqas ġustifikazzjoni, għall-aġir illeċitu tiegħu. Ta' min jgħid illi l-fedina penali ta' l-appellant hi waħda pjuttost ikkulurita u turi, almenu *prima facie,* kemm illi l-Qrati tagħna tawh opportunitajiet sabiex jieqaf mill-ksur tal-liġi permezz ta' sentenzi sospiżi ta' priġunerija u *conditional discharges*, kif ukoll li nonostante li ġie kkundannat għal mill-anqas erba' sentenzi effettivi ta' priġunerija, reġa' kkommetta d-delitti odjerni. Jekk fl-aħħar, kif tagħti ad intendere d-difiża, qiegħed jagħraf ir-responsabbiltajiet tiegħu, hi ħaġa pożittiva. Iżda parti mir-responsabbiltajiet tiegħu hu li jaffronta l-konsegwenzi ta' għemilu. F'dan il-każ għandna delitti serji u, kwantu għar-refurtiva li għaliha tirreferi l-ewwel imputazzjoni, irid jingħad li ma jirriżultax li din ġiet rekuperata.

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u, in kwantu tirrigwarda l-appellant *omissis,* tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier. <u>Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin għall-ħtieġa li l-appellant jibqa' taħt il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri.</u> Inoltre in vista tat-talba tad-difiża mhux opposta mill-prosekuzzjoni sabiex isem l-appellant ma

jiġix pubblikat fil-mezzi kollha tal-*media* u tax-xandir peress illi għandu ulied minorenni li jattendu l-iskola, tilqa' tali talba.